**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 20**

**It-Tlieta 12 ta' Awwissu 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 20.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**20.01.01** Il-Kunsillier Anton Gatt talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar filwaqt li l-Kunsillier Andrew Cassar talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Dawn it-talbiet ġew aċċettati mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 20.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 19)

**20.02.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li l-minuti jinqraw waqt is-seduta mis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell għaliex il-minuti ntbagħatu fl-istess ġurnata tas-seduta.

Is-Sindku John Schembri għamel korrezzjoni tal-minuti **19.07.01** fejn, "Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali rċieva tfakkira mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ħlasijiet ta' kontijiet tal-ARMS kif ukoll xi servizzi tal-Identita`. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li bħala riżorsi umani l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa huwa limitat u għalhekk **għalissa** mhux se jkun qiegħed jitfa' aktar piż fuq il-ħaddiema preżenti."

Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel korrezzjoni tal-minuti **19.08.01** fejn qal li dawn is-sentenzi fl-ewwel paragrafu, "Il-Kunsilliera Jeffrey Scicluna u Anton Gatt qalu li din id-data hija disponibbli mill-Gvern u anke mill-NSO. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li ma jistax ma jkunx hawn statistika dwar id-dawl għaliex kull belt u raħal għandu substation allura bilfors teżisti forma ta' data," iridu jmorru fit-tielet paragrafu. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ħadet nota ta' din l-amenda.

Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qrat il-minuti u fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mis-Sindku John Schembri, il-minuti ta' seduta 20 ġew approvati unanimament.

## 20.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**20.03.01** Xejn

## 20.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**20.04.01** Is-Sindku John Schembri għamel referenza għal-laqgħa rigward Miżuri 3 u 4 tal-Galxlokk. Is-Sindku John Schembri qal li kien informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina sabiex jattendi din il-laqgħa u m'attendiex. Il-Kunsillier Frederick Aquilina għal bidu qal li ma rċieva l-ebda email u li s-soltu l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jċemplulu u jinfurmawh. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qaltlu li l-email intbagħatet u li l-ħaddiema mhumiex obbligati li jċemplu. Il-Kunsillier Frederick Aquilina reġa' fittex fl-email u kkonferma li kienet intbagħatet.

## 20.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**20.05.01** Il-Kunsillier Keith Bartolo għamel referenza għall-karozzi li għaddejjin b'veloċita` sostanzjali fi Triq tal-Karmnu, triq li għadha kif tlestiet ftit tal-ġimgħat ilu. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo kompla jgħid li għandha ssir speed limit camera. Il-Kunsillier Matthew Spiteri ukoll qal li l-karozzi li jgħaddu minn din it-triq b'veloċita` qawwija, hija ta' periklu u għandha tittieħed azzjoni sabiex tkun evitata traġedja. Is-Sindku John

Schembri qal li għalissa jsiru road markings għaliex jekk nitolbu speed camera nkunu qed noħolqu preċendent.

**20.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ressaq il-proposta ta' Tick Tock Cafe and Wine Bar sabiex il-Kunsill Lokali jagħtih permess sabiex jarma imwejjed u siġġijiet kif ukoll umbrelel li jaħdmu bis-solar. Il-Kunsillier Mathhew Spiteri tenna li sid dan il-ħanut kien lest inaddef iż-żona u l-monument tal-ħelsien minn butu stess. Is-Sindku John Schembri sostna li wieħed irid iġib quddiem għajnejh li dik iż-żona qisha d-day centre għall-anzjani tal-lokal għalhekk se tkun ta' inkonvenjent għalihom u bħala Kunsill Lokali se nkunu qed nidhru li qisna rridu inkeċċuhom. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li b'din l-attitudni l-lokalita` ta' Ħal Luqa qatt mhu se tikber u tiżviluppa. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li meta Project Green għamlu żmien armaw fejn il-każin tal-Istilla, in-nies oġġezzjonaw aħseb u ara issa. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal ukoll li dawn l-imwejjed se jkunu ta' żgombru għal min irid jidħol u joħroġ il-Knisja. Is-Sindku John Schembri u l-Viċi Sindku Keith Bartolo urew it-tħassib tagħhom li n-nies joġġezzjonaw. Il-Kunsillier Frederick Aquilina minn naħa l-oħra ssuġġerixxa li forsi ssir laqgħa ma' sid il-ħanut. Is-Sindku John Schembri temm jgħid li jekk dawn l-imwejjed u siġġijiet se jsiru b'mod permanenti se jkunu ta' ostaklu, pero jekk ikun hemm xi attivita` fil-pjazza bħala Kunsill Lokali ma jsibx oġġezzjoni li dan jarma basta mhux b'mod permanenti.

**20.05.03** Il-Kunsillier Matthew Spiteri spjega li rigward iċ-ċimiterju li hemm Valletta Road huwa rnexxielu jikseb sponsorship għal żewġt idwal, filwaqt li għaċ-ċimiterju li hemm fi Triq San Tumas huwa rnexxielu jikseb ukoll dawl wieħed.

**20.05.04** Il-Kunsillier Matthew Spiteri għamel referenza għall-ipparkjar bl-addoċċ quddiem iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li jsiru żewġ pjanti kbar. Is-Sindku John Schembri kif ukoll il-Kunsillier Frederick Aquilina qalu li dawn il-pjanti jiswew ħafna flus. Is-Sindku John Schembri qal li se jieħu ħsieb li jkun hemm iżjed enforcement.

**20.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**20.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali lesta l-proċess tal-arretrati tal-Kunsilliera u se jkunu qed jirċevuhom fil-jiem li ġejjin.

**20.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell reġgħet fakkret lill-Kunsilliera preżenti li l-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera għandhom jintbagħatu minn qabel, sa ġimgħa qabel is-seduta, u mhux isiru waqt is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li jrid isir hekk biex il-Kunsill Lokali jkun konformi mal-liġi.

**20.07 Korrispondenza**

**20.07.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li se jsir Summit Diġitali. Is-Sindku John Schembri spjega li din il-korrispondenza se tkun qed tintbagħat lill-Kunsilliera fil-jiem li ġejjin.

**20.07.02** Il-Viċi Sindku Keith Bartolo għamel referenza għal meta jattendi s-seduta tar-Reġjun Nofsinhar. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li fl-aħħar seduta ġie deċiż li l-iskart jibda jinġabar filgħaxija. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo kompla jgħid li minkejja li ttieħdet din id-deċiżjoni, ir-reġjun se jkun qiegħed jevalwa s-sitwazzjoni ta' kull lokalita` skont l-esiġenzi tal-lokalita`.

**20.08 Quarterly Report (Jan-June 2025)**

**20.08.01** L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Joseph Piscopo li kien preżenti għal din is-seduta fisser li f'dan il-Quarterly Report il-finanzi tal-Kunsill Lokali ħadu spinta 'l fuq minħabba l-ġbir tal-iskart, l-aġġustament tal-allokazzjoni għaliex il-Gvern ħa l-piż fuqu. L-Accountant, is-Sur Joseph Piscopo qal li l-Kunsill għamel surplus ta' €11,000. Is-Sur Piscopo kompla jgħid li f'Marzu l-Kunsill kien minn taħt b'€31,000, u li hekk il-Kunsill jibqa' bl-istess ritmu, il-Kunsill jagħlaq is-sena bil-pożittiv. Is-Sur Piscopo kompla jispjega kif il-kuntratt tar-Road and Street Cleaning qed ikun naqra ta' piż fuq il-Kunsill Lokali minħabba li l-invoices jintbagħatu kull tliet xhur u l-ammont ikun wieħed sostanzjali. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li wasal iż-żmien li ssir valutazzjoni tal-proprjeta` u bini tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Joseph Piscopo wieġed lill-Kunsillier Frederick Aquilina u qallu li tali talba qatt ma saret mill-awdituri. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qiegħed ikellem lill-Perit tal-Kunsill Lokali jew tar-Reġjun sabiex issir din il-valutazzjoni tal-Kunsill Lokali u bħala Kunsill Lokali ma nkunu qed nidħlu fl-ebda spiża. Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Quarterly Report ġiet approvat.

**20.09 Tender tal-Madonna tal-Ftajjar**

**20.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li dan it-tender ingħalaq u li kien ppubblikati r-riżultati u li mill-20 ta' Awwissu se jibda l-objection period. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li fit-tenders li se jkun qed joħroġ il-Kunsill Lokali fil-ġejjieni, japprezza li jkun hemm rappreżentant mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsillier Frederick Aquilina, li kienet diġa' ħadet azzjoni qabel is-seduta, meta infurmat lil min jieħu ħsieb lit-tenders li mil-lum 'l hemm irid ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill.

**20.10 Attivita` tal-Vittorja Hal Farruġ**

**20.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li l-attivita` se ssir fil-5 ta' Settembru u se jkollna l-kantanti Iona u Matthew Farrugia. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna kompla jgħid li l-ħsieb huwa li ssir fiera u li l-flus li naqilgħu jmorru għall-ħtiġijiet tal-Kappella. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li rridu naraw min se jsajjar il-majjal u li naraw li jkun hemm preżenti żewġ ħaddiema tal-Kunsill Lokali sabiex jagħtu daqqa t'id f din l-attivita`.

**20.11 Attivita` Luqa Sajf Fest**

**20.11.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-attivita` se ssir fit-22 ta' Awwissu fis-7.30 pm. Is-Sindku John Schembri li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jagħti €300 lill-Għaqdiet tal-Banda sabiex inħeġġuhom jieħdu sehem u jipprovdu ikel għal waqt l-attivita`.

## 20.12 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**20.12.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**20.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |